# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 24 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 37.**
**Citazz. Nru. 45/00 JRM**

**VALCALL LIMITED**

**vs**

**ALT SERVICES LIMITED u b'Degriet tat-tlettax ta' Marzu, 2000, giet imsejha fil-kawza l-kumpanija TIP TOP LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni ppresentat fil-11 ta' Jannar, 2000, li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-kumpanija konvenuta, minn April 1995 kienet tikri minghand il-kumpanija attrici l-fond sitwat fil-"lower basement floor" formanti parti minn Valletta Buildings, South Street, Valletta u damet tokkupah sat-30 ta' Gunju 1997;

Illi ghall-perjodu li fih il-kumpanija konvenuta kienet inkwilina fl-istess fond, kien hemm kont pendenti ta' dawl u ilma ghall-ammont ta' elf u wiehed u ghoxin lira maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,021.22) (anness bhala Dok A) li l-istess kumpanija konvenuta naqset li thallas nonostante li giet interpellata taghmel dan diversi drabi;

Illi l-istess kont sussegwentement thallas mill-kumpanija attrici peress illi hija giet interpellata taghmel dan mill-Enemalta Corporation u Water Services Corporation bhala s-sid tal-fond in kwistjoni;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elf, u wiehed u ghoxrin lira maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,021.22) dovuta ghall-servizz ta' dawl u ilma provdut lill kumpanija konvenuta fil-perjodu li fih hija kienet inkwilina fil-fond gewwa Valletta Buildings, South Street, Valletta proprjeta' tal-kumpanija attrici, liema kont thallas mill-istess kumpanija attrici;

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda bid-dokument mehmuz maghha;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-14 ta' Jannar, 2000, li bih appuntat is-smiegh tal-kawza ghall-15 ta' Mejju, 2000;

Rat id-Degriet taghha (diversament presjeduta) tat-13 ta' Marzu, 2000, li bih ordnat is-sejha fil-kawza tas-Socjeta' Tip Top Limited;

Rat li s- Socjeta' konvenuta, notifikata fit-8 ta' Frar, 2000, bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smiegh, ma ressqet l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien moghti lilha mil-ligi dwar it-talbiet tal-attur u ghalhekk waqghet kontumaci;

Rat li s-Socjeta' imsejha fil-kawza, notifikata fit-22 ta' Marzu, 2000, ukoll naqset li tressaq kontestazzjoni fiz-zmien li trid il-ligi u ghalhekk hija wkoll waqghet kontumaci;

Rat ir-Rikors tas-Socjeta' konvenuta tas-6 t'April, 2000, (f'pagna 37 tal-process) li bih talbet li, minhabba r-raguni hemm imsemmija, tinghata d-dritt li tikkontesta l-kawza u b'hekk tnehhi l-kontumacja taghha, ghal liema talba s-Socjeta' attrici opponiet bi twegiba taghha tat-23 ta' Gunju, 2000 (f'pagni 39 u 40 tal-process);

Semghet il-provi tal-partijiet dwar din il-kwestjoni;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawza dwar dan l-episodju;

Rat id-Degriet taghha tas-27 ta' Novembru, 2000, u dak tas-17 ta' Jannar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar it-talba tas-Socjeta' konvenuta li tnehhi l-kontumacja taghha;

## *Ikkunsidrat:*

Illi, mis-sottomissjonijiet mismugha minn din il-Qorti f'isem is-Socjeta' konvenuta, ir-raguni ewlenija li ghaliha hi tghid li jkun xieraq u misthoqq li l-kontumacja taghha titnehha tikkonsisti fil-fatt li, meta l-atti tal-kawza gew notifikati, dawn thallew f'idejn persuna - Renald jew Renato Bugeja - li ma jirrappresentahiex;

Jidher ghalhekk, li s-Socjeta' konvenuta, qeghda sserrah it-talba taghha li tithalla tikkontesta l-kawza fuq il-punt tal-validita' tan-notifika. Dwar in-notifika ta' kumpanija jew ta' korp moghni b'personalita' guridika il-ligi tipprovdi dwar kif ghandha ssir in-notifika lilha ta' atti gudizzjarji fl-artikolu 187 (4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hawnhekk qeghda tifhem li jekk kemm-il darba wiehed jitkellem dwar jekk in-notifika hijiex valida, allura ma jibqax izjed il-kaz li jitkellem ukoll dwar il-jedd li jnehhi l-kontumacja, ghaliex notifika invalida, jew nuqqas ta' notifika skond il-ligi, ma taghti qatt bidu ghaz-zmien li jimxi kontra l-persuna li, fil-fatt, ma tkun giet notifikata qatt. Wiehed ma jistax jaqa' kontumaci jekk mhux wara li jkun gie validament notifikat b'att tac-Citazzjoni;

Is-Socjeta' konvenuta tghid li m'ghandhiex impjegati taghha, u ghalhekk, Renato Bugeja, li laqa' ghandu l-atti tal-kawza, ma jikkwalifikax, skond hi, bhala wahda mill-persuni msemmija fl-artikolu 187 (4)(a) tal-Kap 12. Dan is-subartikolu jipprovdi dwar fejn ghandha ssir in-notifika ta' att gudizzjarju lil korp li jkollu personalita' guridika u kif ukoll lil min ghandha ssir tali notifika;

Illi, b'zieda ma' dan, min-naha l-ohra, l-artikolu 187 (4)(b), isemmi lil min ghandha ssir in-notifika, imma fil post li l-ligi ssemmi dwar notifika ta' persuni individwali. Illi, bid-differenza mill-kaz ta' notifika ta' individwi, il-ligi tghid li, dwar persuni kompetenti li jircievu atti gudizzjarji f'isem korp moghni b'personalita' guridika, tali persuni jridu jkunu awtorizzati bil-miktub minn tali korp biex jirrappresentawh;

Illi s-socjeta' imharrka, fir-rikors taghha tas-6 t'April, 2000, tghid li l-persuna li rceviet l-att tac-Citazzjoni mhix il-persuna awtorizzata biex tirrappresentaha. Min-naha l-ohra, fit-twegiba taghha, s-socjeta' attrici tishaq li Renato Bugeja kien persuna kompetenti li tircievi tali att f'isem il-kumpanija u dan minhabba li huwa fdat minnha, ghandu access ghall-ufficcju taghha u jahdem hemm bla supervizjoni;

Illi mill-provi mressqa waqt is-smiegh tal-kaz dwar dan l-episodju u kif ukoll minn dak li jirrisulta mill-atti tal-kawza, johorgu dawn il-fatti: (a) in-notifika tal-att tac-Citazzjoni u tal-avviz tas-smiegh saret fit-8 ta' Frar, 2000, fil-fond numru 149, Triq l-Arcisqof, Valletta; ( b) in-notifika saret lil u l-atti gew accettati minn Renato Bugeja; (c) Renato Bugeja ma rrifjutax l-atti u ma qalx lill-ufficjal esekutant li m'huwiex awtorizzat jircievi atti f'isem il-kumpanija mharrka; (d) li d-Diretturi tal-kumpanija mharrka huma Dottor Arnold Cassola u Mark Causon, filwaqt li l-Avukat Henry Vassallo huwa *alternate director* tal-istess Dottor Cassola; (e) il-kumpanija mharrka m'ghandhiex impjegati maghha; (f) fil-bini fejn hemm l-indirizz fejn saret in-notifika, hemm stazzjon tar-radju li tieghu Renato Bugeja huwa *station manager* u hemm kumpanija ohra li jisimha Mediacoop Limited u li Renato jew Renald Bugeja huwa impjegat taghha wkoll, billi din hija l-kumpanija li tmexxi l-istazzjon tar-radju; (g) is-socjeta' mharrka ghandha kuntratt mal-kumpanija Mediacoop Limited dwar it-thaddim tal-istazzjon tar-radju, imma tal-ewwel ghandha kontroll biss dwar l-ahbarijiet li jixxandru fuq l-imsemmi stazzjon; (h) l-istazzjon tar-radju huwa licenzjat mill-Awtorita' tax-Xandir

f'isem il-kumpanija mharrka, imma mmexxi minn Mediacoop Limited [Dok "FV1" f'pagna 52 tal-process]; (i) Renald Bugeja huwa segretarju tal-kumitat ta' tmexxija ta' Mediacoop [Dok "FV2" f'pagna 53 tal-process]; u ( j) li Renald Bugeja ghadda l-inkartament li gie notifikat bih lill-Kumitat tal-moviment politiku Alternativa Demokratika;

Illi, mill-fatti hawn fuq imsemmija, il-Qorti ssib li n-notifika tal-att tac-Citazzjoni saret validament fil-post imsemmi fl-artikolu 187 (4), imma ma saritx f'idejn persuna li skond il-ligi kienet dik xierqa biex tircievi l-atti f'isem il-kumpanija mharrka. Dan jinghad minkejja nnisga ta' interessi li jidher li tesisti bejn il-kumpanija imharrka, il-ko-operativa li maghha huwa impjegat u li taghha huwa ufficjal l-istess Renald Bugeja, u l-moviment Alternativa Demokratika li ghandha gew mghoddijin l-istess atti qabel ma sar ir-rikors. Din il-fehma tal-Qorti tisseddaq ukoll minhabba li ma tressqet l- ebda prova li Bugeja kien awtorizzat mill-kumpanija mharrka bil-miktub biex jidher ghaliha, kif tipprovdi l-ligi;

Din il-Qorti, specjalment f'materja teknika bhalma hija l-kwestjoni ta' validita' ta' notifika, jkolha ssegwi fedelment dak li tghid il-ligi tal-procedura, u trid thares (ghallanqas fuq dak li jitqies bhala principju dottrinali basilari) l-identita' distingwibbli ta' korp moghni b'personalita' guridika distinta, minn dawk li jistghu jkunu l-attivitajiet kummercjali tal-istess korp maghgunin ma' interessi ohrajn;

Illi, ghalhekk, fil-verita' il-kumpanija mharrka ghadha ma gietx validament notifikata u ghalhekk, fid-dawl ta' dak li nghad izjed 'il fuq, mhux il kaz li wiehed jidhol fl-esami ta' jekk il-kontumacja taghha hijiex gustifikabbli jew le;

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tas-**Socjeta' mharrka billi tilqa' t-talba** u tordna li ssir id-debita notifika skond il-ligi.

*24 ta' Jannar, 2001.*

L-isejjez ta' dan l-episodju jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**24 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Jannar, 2001.**